# It-Teatru Salesjan Matul Il-Milja Taz-Zmien.

**KITBA**

**TA' LINO FERRIS**

**Fl-okkazjoni tal-ftuh mill-gdid tat-Teatru Salesjan nhar il- 29 u 30 ta' Jannar 2000.**

**MEHUDA U MIGBURA MINN:**

- Studju ta' Eddie Skee li deher fil-Bulettin Salesjan
- Il-hajja tas-Sur Fons ta' Louis Grasso
- U minn xi programmi li nstabu fl-arkivju Salesjan.

<P Vangelis no 11

*JOHORGU TLIET QARREJJA F'DAWL BAXX U MUZIKA MIS- "CD VANGELIS PORTRIATS" FIL-FOND, LI TITLA BIL-MOD FILWAQT LI JIZDIED ID-DAWL. WARA LI JITLA D-DAWL U SPOT TINXTEHET FUQ IN-NARRATUR, IL-MUZIKA TITBAXXA………*Fade out no 11 quickly

Fix-xitwa ta' 1907, Alfons Marija Galea, li kien joqghod fl-inhawi ta' dan it-teatru, sewwa sew, vicin il-knisja ta' Stella Maris, kien sikwiet jimxi mal-plajja ta' tas-Sliema.

*(Sound of waves in the background)* – <P Atmospheric moods no 2

Tlett snin qabel, huwa kien strumentali li jinbena l-kullegg ta' San Patrizju, kif kien maghruf dak iz-zmien, u issa tefa' harstu lejn holma ohra!

*(Sound of waves louder and then fades away…… enter music in the background)* Fade out sound effects

U fil-waqt li l-mewg kien ihabbat max-xtut, huwa hares warajh, u fuq dik il-medda art, quddiem il-kullegg,

fassal pjan f' mohhu u baqa' iberghen sakemm sar realta.
Fir-Rebbiegha tas-sena 1907 s-Sur Fons, ghax hekk kullhadd kien jafu, iltaqgha ma Ganni ta' Pisanu, mghallem fis-sena tal-bini u qallu:

Fade out

*(Music fades away and stops whenever there is direct speech)*

**Speaker 1**: L-Ghodwa t-tajba Gann

**Speaker 2:** Tant iehor sinjur. Habat tajjeb. Hawn ziffa helwa li ttik il- hegga ghax-xoghol.

**Speaker 1:** Kif tkellimna, jiena nixtieq li nibni Teatru u swali ohra fejn jistghu jsiru xi laqghat. Nahsbu ghall-bibjoteka u kmamar ohra fejn iz-zghazagh jistghu jiltaqghu wara l-gurnata tax-xoghol, u jqattghu siegha bejniethom.

**Speaker 2:** Hawn bicca art gmiela Sur Fons. Min sejjer jaghmel tajjeb?

**Speaker 1:** Din l-art hija tal-familja Asfar minn naha ta' marti Liza. Ohta Mary, flimkien maghna fassalna kollox. Ghandi pjanijiet kbar. Irrid nara Teatru mil l-isbah.

*(Background Music on)* - Fade in Vangelis no 11

**Narratur:** U ghalhekk mas-sebh ta' nhar il-5 ta Mejju tal-1907, in-nies li kienu bakkru kmieni, lemhu lil-imghallem tal-gebel Ganni Ta'Pisanu u xi haddiema

ohra, jistennew fuq dik ir-roqgha art, fejn ninsabu propjament llum.

_(Music fades out)_ Fade out Vangelis

**Speaker 1:** Goodmorning to you all. I am Fr. O Grady, Rector of St. Patricks College. I come to say a short prayer and to bless your work. I understand that in a year's time, this field will be turned into a wonderful building. Good luck, and God be with you.

**Narratur:** U ghalhekk il-haddiema, bla gheda, ta' kuljum kienu ihaffru u jqattghu l-blat, biex ihejju ghas-sisien ta' dan il-bini…. Li fi zmien qasir ha sura….

**Speaker 2:** Sur Fons, ahna kelmitna zammejniha.. Ghada 7 ta April, sejra ssir ic-cerimonja tat-tqieghid ta' l-ewwel gebla.

**Speaker 1:** Nixtieq li tkun binti Mary, li tqieghed l-ewwel gebla. Jkun hawn Dun Antonio Urso u wara l-quddiesa, naghmlu cerimonja ckejkna. Xieraq wkoll, li jkun hawn Fr.O Grady, ir-rettur ta' San Patrizju.

**Narratur:** Dak in-nhar ingabru gemgha zghira u Don Urso qal kelmtejn li bihom fisser il-ghan tal-bini li kien qieghed jittelgha.

**Speaker 1:** Dak li hu minnu, dak li hu xieraq, dak li hu b'din il-fehma, b din it-tama – inbena "Il-Juventutis Domus" –

_(Background Music on)_ - Vangelis II

**Narratur:** Juventutis Domus – kliem bil-latin li jfissru –Id-dar taz-zghazagh.

Fade out

*(Sound of a hoot of a ship……)*

Fil- 5 ta Mejju 1908 dahal il-vapur 'Carola' gewwa l-port il-kbir u fuqu kien hemm il-beatu Dun Mikiel Rua – is-successur ta' Don Bosco. Is-sur Fons laqghu flimkien ma Dun Urso:

**Speaker 1**: Benvenuto a Malta Reverendo Rua.

**Speaker 2:** Welcome to Malta Fr. Rua. We have a splendid building to inaugurate! In a symbolic ceremony, the local Governor, Sir Henry Fane Grand, will pass the keys to you. This will mark the beginning of many years of cultural activities.

**Narratur:** U ghalhekk fis 7 ta Mejju kien hemm il-ftuh ufficjali ta' dan it-teatru. LP Classical no 12

*(Music on and lights flash around creating an atmosphere of grandness)*
*(Lights fade away and a spot light again falls on the speakers…)*

**Speaker 1:** Xieraq li naghmlu festa kbira. Mhux hekk Dun Urso?

**Speaker 2:** Ta' bilhaqq. Jiena irrid nghaqqad kor ta' mhux inqas minn 138 persuna u orkestra shiha ta' 65 ruh.

**Speaker 1:** U biex bi hsiebek tfakkar din il-gurnata kbira?

*( Sound of classical music will be played in the background or a similar type of music possibly involving a choir.....)* 4Pm 12 low

**Speaker 2:** Sejjer ikollna orchestra b'erbgha vucijiet. Nifthu l-akkademja bid-daqq tal-Marc ta' Tann Hauser ta' Wagner. Inkantaw wkoll id-'Dies iste" ta' Perosi. Umbaghad naqilbu ghal "Deh ci corridi all anima" mill-Hatagea ta' Barbetola u l-Benedictio et Claritas ta' Gounod.

**Speaker 1:** Bravo Dun Urso. Nahseb sejjer ikollna diffikulta kif sejrin joqghodu dawk in-nies li sejrin jingabru ghall-okkazjoni.

**Speaker 2:** Kont qed nghid bejni u bejn ruhi, jekk hux ta' min nitolbu n-nisa sabiex ghal dak in-nhar ma jilbsux kpiepel ....

**Speaker 1:** Ma nahsibx li sejrin jiehdu gost. Qiesek qieghad tghid lili biex inqaxxar il-mustacci!!

*(Classical Music fades off.... And theme of Vangelis is heard in the background.)* Fade Out

**Narratur:** It-teatru gie mbierek mill-vigarju tal-isqof Mons Grech. Il-Gvernatur, Sir Henry Fane Grand, wara li ghamel kelmtejn u fahhar din l-opra ghadda l-imfietah lil Dun Rua. Fl-okkazjoni tal-ftuh, tkellmu bosta nies, fosthom s-Sur Reynolds, l-Onor. Avukat Arturo Mercieca, l-Imhallef Pullicino u fl-ahhar Is-Sur Fons:

**Speaker 1:** Jiena nixtieq infiehem lil kulhadd, li jekk jiena u marti, u s-sinjorina ohta Mary, qanqlu din l-opra, ma jisthoqilna l-ebda tifhir. Dak li ghamilna, tghallimnieh minn ghand missierna u ommna. Fl-ewwel nett it-tifhir ghandu jmurr lejn Alla – umbaghad lejn il-genituri taghna li jisthoqilhom kull fohrija.

**Narratur:** Fil-fatt – forsi Dun Urso kellu ragun dwar il-kpiepel ghaliex insibu miktub f'wahda mill-gazzetti ewlenin ta' dak iz-zmien ittra lil Editur:

**Speaker 2:** Nifrah lil dawk kollha li kellhom x'jaqsmu mal-bini tal-Juventutis Domus, izda kien ikun xieraq li kieku, ghall-ftuh ufficjali tat-Teatru, in-nisa setghu ma libsux dawk il-kpiepel kbar bil-ward u l-fjuri fuq rashom, li hallew b'diffikulta l-udjenza kbira, biex issegwi dak li kien qed jigri fuq il-palk.

**Narratur:** Forsi dak il-kittieb kellu ragun, izda kien zmien iehor. Filwaqt li x-xoghol tat-teatru kien miexi l-quddiem bejn is-sena 1906 u 1907,Dun Urso kien qieghad jaghmel xi priedki fil-knisja ta' San Frangisk il-belt Valletta. Il- Prof Guze Cali, pittur ta' fama, kien qieghed jaghmel xi xogholijiet f'din il-knisja u Don Urso kien ta' sikwiet jieqaf u jammira x-xoghol tal-pinzell ta' Cali, u gurnata minnhom mar fuqu u qallu:

*(Music fades off)*

**Speaker 1:** Buona sera , Guzeppe! Proprio quello che voglio io per la Domus.

**Narratur:** Cali hares lejh u malajr fehem il-hegga ta' dan il-qassis simpatiku u f'kemm ili nghidlek Cali harbex sketch tal-Lunetta li tidher fuq rasna:

L fade in Vangelis no 4

*(Lights embelish the painting on the stage and then a spot light is concentrated on the figures that are being mentioned by Cali and Dun Urso. A type of angelic music is played to mould in the description of the painting)*

**Speaker 2**: X'tahseb kieku naghmlu hekk?

**Speaker 1:** Tajjeb…fin-nofs tal-lunetta nixtieq nara xbiha ta' mara –qiesha xi sultana, b'ghajnejha lejn is-sema. Din trid turi l-fidi, it-twemmin f'Alla. B'idejha miftuha donna tixtieq thaddan lil kulhadd u lil kulhadd tistieden ghat-twemmin wiehed.

**Speaker 2:** Min jaf li kieku fuq in-naha tax-xellug naghmlu mara ohra b'rasha l-isfel, b'mizien f'idha xellugija u warda tas-susan fil-leminija. Din trid tfisser l-onesta, li kollox taghmel bil-qies. Hi tkun qeghda bhal tqim lis-Sultana, is-simbolu tal-fidi, ghax minnha din l-onesta tiehu l-qawwa taghha!

**Speaker 1:** Naqbel mieghek. Imbaghad fuq in-naha l-ohra naghmlu mara ohra b'tifel imqabbad maghha ghall-

kenn, waqt li jkun qieghad jahrab bezghan minn lifgha, li hija xbieha tal-hazen, li hiereg minn ktieb – il-kitba ta' xi xogholijiet li jistghu jittelghu fit-teatru. Din il-mara trid tfisser il-morali, jigifieri l-gharfien tal-ghazla tat-tajjeb mill-hazin f'eghmil il-bniedem.

**Speaker 2:** Nixtieq inpitter mara ohra fuq il-lemin tas-Sultana, thares l-boghod qiesha mhassba b'idha fuq id-dinja. Din tfisser ix-xjenza, l-gherf li bih il-bniedem jahkem fuq id-dinja u kull ma fiha, dejjem imdawwal mill-fidi. Ghaliex l-gharef li ma jaghrafx l-Alla, il-Bidu ta' kollox, ma hu gharef xejn.

**Speaker 1:** Bravu, bravu tassew Guzeppe. Flimkien qeghdin nghaqqdu l-idejat taghna, u int sejjer taghmel kapulavur, bicca xoghol tal-arti kbira - denja ghat-teatru taghna……Min jaf kieku naghmlu ragel xwejjah u tifel jitliegheb ma lhitu.Dawn it-tnejn iridu jaghtu dehra ta' tjubija, ta' hlewwa li gejja miz-zewg nahat. Tjubija li trid tintwera kemm mix-xih, li jaf jghader u jghallem liz-zghir, li minn naha tieghu jqim b'imhabba li tqarrbu ghal kollox lejn il-kbir, l-imgarrab, ix-xih.

**Speaker 2:** B'hekk, f'din il-pittura nkunu gbarna il-virtujiet li ghandhom izejjnu r-ruh nisranija, it-twemmin f'Alla. – sisien li fuqhom tinbena hajja onesta, imharsa mill-morali bhala lgiem' imzejna mill-gherf li propju gej mill gharfien ta' gmiel il-holqien- u mbaghad kollox imzewwaq u moghni mit-tjubija li tisboq kull virtu.

Fade out Vangelis no4

*(Angelic music fades off and spotlight is back on narrator – Change of background music)*

**Narratur:** Min pitter dan ix-xoghol b'hila kbira, ghandi nifhem li ried ifisser l-ghan li ghalih inbena t-teatru u nhadem il-palk. Il-palk fil-hajja Salesjana ghandu l-missjoni tieghu, li hija dik li jrawwem u jeduka imqar waqt ic-cajt u d-dahq.

Dak iz-zmien, fit-teatru kienu ta' sikwiet jittellghu xogholijiet mill-istudenti tal-universita. Isda fil-waqt li l–attivita fl-Oratorju mxiet il-quddiem, id-direttur il-gdid Dun Vincenzo Allegra, haseb li jkun f'waqtu li kieku tigi ffurmata kumpanija tal-palk fost iz-zghazagh tal-Oratorju. Ghalhekk, nsibu li giet imwaqqfa il-kumpanija Philo drammatika – San Ginesio . Nsibu li dan il-qaddis kien attur fiz-zmien l'imperu Ruman u safa martri.

Insibu li fis-16 ta Jannar 1910, ittella l-ewwel dramm bit-taljan f'erba atti taht l-isem Il-Galeotto" b'direzzjoni ta' Don Fortuna- Salesjan Sqalli. Fil-Kronaka tad-dar, kitba li kien jiehu hsieb id-direttur tal-post, insibu li "dan kien l-ewwel success u nittamaw li l-ghaqda residenti fi' hdan it-teatru, tibqa' miexja l-quddiem.

*(Wiehed jista jaghmel referenza ghal-emblema li hemm fuq il-pultiera principali)*

Dun Urso kien gie mitlub biex jirritorna lejn Sqallija, fejn bi sfortuna kbira, safa mejjet fit-terremot li wara kien hakem gewwa Messina. F'Tas Sliema, u dawk kollha li kienu mithla ta l-Oratorju, bkew it-telfa ta' dan

il-qassis simpatiku u habrieki. Insibu Pittura tieghu fid-dahla ta dan it-teatru (Or where ever it may be!!) Harsu sew lejn l-bixra ta' ghajnejh..donnu irid jghidlek xi haga. Ma nafux sew min kien il-pittur izda jinghad li irnexxielu jesprimi sew dik il-harsa espressiva ta' Dun Urso.

Wara l-mewt ta' Dun Urso, id-direttur li ha postu, Dun Allegra, ha hsieb sabiex ix-xoghol ta' Cali, msejjes fuq il-hsieb ta' Dun Urso, jitlesta… fil-fatt il-pittura giet mikxufa nhar il 20 ta Novembru 1910.

Ix-xoghol tal-gibs gie fdat f'idejn Cardona fil-waqt li l-iskultura taz-zewg Busti fil-genb tal-Gallarija fit-teatru, li huma missier u omm Alfons Marija Galea, huma xoghol ta' Sciortino. U xi nghidu ghall-pittura li kienet issebah dan il-palk, fejn turi xini ssalpa l-barra mill-port ta' Marsamxett! Kien tassew f'waqtu, meta Dun Urso, fil-ftuh tat-teatru qal:

**Speaker 1:** Ad Fratres – Salpiamo ..ci abbraccia l-oceano. Sui Flutti ci arriva ogni lingua, ogni pensiero, ogni affetto. Diciamo al mare, che porge gli inviti dei lontani (per) altri braccia, altri aiuti, veniamo: ad Fratres…

**Speaker 2:** L-ahwa, ejjew nsalpaw u nifirdu l-ocejani, fuq il-mewg naslu ghal kull lingwa, ghal kull hsieb, ghal kull emozzjoni. Nghajjtu fuq l-ibhra, filwaqt li nistiednu dawk li huma l-boghod . L-ahwa, ninghaqdu lkoll flimkien u nsalpaw....
......... u tassew bqajna nsalpaw sal-lum, kull zmien u kull epoka – kif jirrekjedu c-cirkostanzi..

Hadd ma jaf x'sar minha dik il-purtiera originali, izda niftakar ta' tifel ckejken lis-Salesjan Carmelo Galea jirrakonta li kien hemm hruq fuq il-palk u huwa kien ipprova jitfieh b'idejh stess. Wara dan, xi sittin sena ilu, kienet inhadmet minn xi membri ta' dak iz-zmien,din il-purtiera hamra, li issa tfiet il-kulur gmielu.

**Speaker 1:**Min mexxa dan l-oratorju matul is-snin haseb kif seta jaghmel uzu minnu bl-ahjar moghod. Fr. Anthony Farrugia kien ha hsieb biex ikabbar il-foyer u jibdel l'istruttura tal-gallarija li qabel kienet bit-travi u kolonni.

**Speaker 2:** Xieraq li llum infakkru lil Carmelo Galea, salesjan iehor, li hadem f'dan it-teatru ghal erbghin sena shah – jikteb, jghallem, jidderigi, idoqq u jkanta.

*(Music and sound of Siren....bombs war era.....!)*

**Narratur:** Mal-wasla tat-tieni gwerra dinjija, l-attivita fit-teatru intemmet hesrem. Izda insibu li bejn is-snin

ta' wara l-gwerra, jigifieri 1945 sa l-ahhar tas-snin hamsinijiet, kien hawn attivita shiha fejn kwazi ta' kull gimgha kien jittella xi xoghol teatrali.

**Speaker 1:** Fis-snin sittin, beda diehel it-televizjoni fid-djar, u t-teatru kien ha daqqa ta' harta. Ghalhekk insibu li dan il-post inbidel f'cinema. Fr. Anthony Mifsud u Fr. Joseph Mangion kienu strumentali biex jingiebu magni godda tac-cinema bl-ghajnuna ta' Michael Fonde, li kien jghix l-Amerika.

**Speaker 2:** Min jaf kemm mijiet ta' tfal kienu jimlew dan il-post ghal film show tas 2.00, u mbaghad, forsi aktar iz-zghazagh u l-kbar, ghal wirja ta' fil-ghaxija.

**Narratur:** Izda din l-era wkoll waslet fit-tmiem u kienu Fr. Joseph Borg u aktar tard Fr. Anthony Sultana li komplew iheggu grupp ta' zghazagh sabiex itellghu xi xoghol fuq il-palk. Nsibu li fl-1971 hadu sehem ghal l-ewwel darba membri tas-sess feminil, ghax nghiduha kif inhi, kienet haga pjuttost stramba li naraw ragel liebes ta' mara, jipprova jqabbes xi demgha lill-udjenza…ghalkemm b'xi mod kien donnu jirnexxielu wkoll.

st - Fade in Vangelo 11 / stop B f mea

**Speaker 1:** U ghalhekk insibu li bdiet folja gdida, fejn twaqqfet l-ghaqda ta' l-Atturi Salesjani, li sal-llum, hija l-ghaqda ta' l-atturi residenti. Dawn itellghu diversi xogholijiet ta' kittieba kbar, fosthom Ibsen, de Filippo, Bolt, Aquilina, Chetcuti, Friggieri, Galea, Attard, u hafna ohrajn, kif wkoll kitba ta' membri ta' l-istess Atturi Salesjani. Jekk nidhlu fil-kmamar tal-genb tat-

teatru nsibu hafna posters tal-produzzjonijiet li gew imtellghin dan l-ahhar.

**Speaker 2:** Ghal dawn l-ahhar erba snin, it-teatru kien maghluq u sar hafna xoghol volontarju mill-membri, kif ukoll xoghol minn kuntratturi . Kien b'riehet membru ta' l-imghoddi li dejjem zamm rabta hajja mas-Salesjani, Eddie Skee, li jghix gewwa l-Ingilterra u li jinsab fostna llum ghall-okkazjoni tal-ftuh mill-gdid ta' dan it-teatru, li sar dan ix-xoghol kollu. Huwa kien strumentali biex habiba tieghu, Mrs.Edith Armstrong, ghazlet li thalli parti mill-wirt taghha sabiex isir dan ix-xoghol renovattiv fit-teatru.

Edith Armstrong kienet ghalliema u ddedikat hajjitha ghal-gid tat-tfal. Hija twieldet fis-sena 1905, fl-Ingilterra, meta s-Salesjani kienu bdew l-opra taghhom f'Malta. Gara li b'koincidenza, raghat ritratt ta' Dun Urso fil-Bulettin Salesjan tal-harga ta Nov 1986, u filwaqt li kienet qeghda titkellem fuq x'wiehed jista jaghmel meta jirtira wara dawk is-snin kollha ta' dedikazzjoni lejn it-tfal, meta semghat minn ghand il-habib taghha Eddie Skee dak kollu li kien gara f'Malta, hija ddecidiet li tkompli tghin liz-zghazagh wara mewta wkoll. U fil-fatt, halliet somma sabicha, sabiex setgha jinghata bidu ghal dan il-progett. Grazzi tassew Eddie Skee u Edith Armstrong, kif ukoll dawk kollha li b-xi mod jew iehor taw is-sehem taghhom.

*(Background music of the theme sound Vangelis Portriants is heard and will build to a crescendo towards the end.....)*

**Narratur:** Ghalkemm l-irhama originali bl-isem Juventuti Domus, tinstab imwahhla mall-faccata tat-teatru il-fuq mill-gallarija, llum dan it-teatru kulhadd jafu bl-isem tat-Teatru Salesjan. Dik il-pittura tax-xini hierga mill-port, mill-gdid hadet il-hajja, u dak ir-rih li qieghed iwizzen il-qlugh, ikompli jonfoh, u j'Alla nibqghu nsalpaw ghal- mitt sena ohra.

F'dan ir-rakkont qasir li ghaddejna flimkien, rajna kif gerbeb iz-zmien. Hamsa u desghin sena ghaddew minn fuq dawn l-erba' ewdiet.... U x'ma rawx, x'ma tawx!..........Kemm il-dahqa smajna u kemm il-bikja rajna, kemm il-ghanja kantajna.

Ghalehkk, filwaqt li niftakru f'dik il-holma fir-rebbiegha tal 1907, xieraq li nfakkru fost ohrajn lis-Sur Fons, bl-istess versi li Carmelo Galea sellimlu

**SPEAKER 1**

'Hi bosta maghrufa l-hniena tieghek
Mill-fjuri midbiela li b'demmek saqqejt.
Kenn kienet qalbek ta' hasra u mghodrija,
T'eluf tfal bla tama il-hajja raddejt'

**Speaker 2**
M'hemmx skriepel li jnaqqxu l-hlewwa ta' wiccek,
M'hemmx pniezel li jpingu d-dahqa t'ghajnejk'
M'hemmx muzika li tghanni mill-hniena ta' qalbek'
M'hemmx pinna li tikteb il-grajja ta jdejk.

**Speaker 1**
Mhux fil-bronz imnaqqax narawk nixtiequ,

Ma mimli bil-hajja bhal meta kont maghna,
Biex lehnek nisimghu bhal ghanja ta' farag
Ghax int veru kont l-anglu tal-hajja minn taghna.

**Speaker 2**
Halli,..nitolbok id-dalma ta' qabrek
U ohrog kburi bhal xemx iz-zernieq,
Biex Malta tqeghdlek kuruna fuq rasek
Ta' ward u ta' gawhar, ta' bews u tghanniq

**Narratur**
Qum iva min naghsa hekk helwa u twila,
B'dak wiccek jiddi bhal kewkba bil-ferh,
Int ibqa maghna biex qatt ma thallina
U tkun dak ir-rih li jonfoh go qlubna u ittina s-serh.

L Fade in Loud

*(Slowly the readers will start an applause and face the picture of Sur Fons. The music will rise to a crescendo whilst lights will concentrate on the painting of Sur Fons)*

The end…………..Ad fratres….salpiamo!!!!!!

The End